MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2011

Talba Numru. 523/2011

**Michael Attard Limited – C32362**

**vs**

**Aaron Bartolo – (ID-512084M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-Kumpanija attrici qed titlob illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf mitejn hamsa u sebghin ewro u hamsin centezmu (€1,275.50c) rapprezentanti import ta' tnax-il kambjala skaduti u accetta u ffirmat mid-debitur. Bl-ispejjez u bl-imghax urterjuri mid-data ta' l-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li l-konvenut debitament notifikat ma pprezentax risposta. Madanakollu attenda ghas-seduta tal-llum.

Semgha x-xhieda ta' l-istess konvenut li permezz taghha ddikjara li l-ammont pretiz mis-socjeta` attrici huwa dovut.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa’ it-talba tas-socjeta` attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess socjeta` attrici s-somma ta’ elf mitejn hamsa u sebghin ewro u hamsin centezmu (€1,275.50c) bl-ispejjez u bl-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------